# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2024

**Avviż Nru: 98/2024**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Maria Grech (K.I. 562759(M))**

**vs**

**CDC Property Development Ltd (C 91499)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tal-attriċi mressaq fil-15 ta' Mejju 2024[1] fejn din il-Qorti ntalbet tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) rappreżentanti senserija dovuta wara bejgħ tal-fond 422 u 424, fi Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi. Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll ta' atti oħra.

Rat id-dokument anness mall-istess Avviż[2].

---

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 2 *et seq* tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2024[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2024[4], fejn għad li s-soċjetà konvenuta kienet ġie debitament notifikata, hija naqset milli tħejji risposta jew tirreġistra dehra fl-istess seduta. Dakinhar ġie mressaq kapitolu u l-kawża ġiet differita għall-provi kollha.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2024[5], meta ġiet imressqa nota mill-attriċi b'dokumenti, il-kapitolu ġie dikjarat bħala mistħoqq (minħabba nuqqas ta' dehra tas-soċjetà konvenuta), xehdet l-attriċi u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dawn il-proċeduri, l-unika provi huma dawk imressqa mill-attriċi għaliex, kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, is-soċjetà konvenuta għażlet li ma tweġibx formalment u lanqas li tkun attiva b'xi mod fis-seduti relattivi.

Illi fix-xhieda tagħha[6], l-attriċi tispjega kif hija kienet introduċiet ix-xerrejja u l-bejjiegħa fuq il-ftehim. Dakinhar tal-kuntratt però hija ma ġietx mitluba tattendi għaliex d-direttur tas-soċjetà intimata kien informa lin-Nutar li kien sejjer iħallas għas-servizz hu stess. Sar il-kuntratt u d-direttur tas-soċjetà konvenuta qalilha li kien sejjer jagħti s-somma mitluba, iżda wara li tiġi solvuta xi kwistjoni li kien hemm mal-ġar. Ġiet eżebita dokumentazzjoni, inkluż messaġġ tal-istess

[3] A fol 12 tal-proċess.
[4] Verbal relattiv jinsab a fol 19 tal-proċess.
[5] Verbal relattiva jinsab a fol 21 tal-proċess
[6] Din tibda a fol 21A tal-proċess.

Christopher Grech (direttur tas-soċjetà konvenuta) fejn jgħid biċ-ċar li kien sejjer iħallas.

Illi apparti din kollu, l-attriċi ressqet lis-soċjetà konvenuta għas-subizzjoni, liema episodju sarraf fil-konfessjoni kontra s-soċjetà konvenuta[7]. Issa din l-ammissjoni triq tiġi mistħarrġa flimkien ma' kull prova oħra[8], jekk din tkun hekk teżisti.

---

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia miżżewġin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Utli wkoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Leonard Incorvaja vs Manuel Camilleri et,** (App Nru: 370/02) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ġunju 2018 fejn propju aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kinitx qieset il-fatt tal-kapitolu bħala determinati ġie miċħud wara li sar dan ir-raġunament: *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. Fis-sentenza Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet: "Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt...." (Art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta".* Per kompletezza akkademika, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Grezzju Abela,** (App Inf Nru: 188/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 2022.

Illi mill-provi mhux kontradetti jirriżulta ċar li l-attriċi wettqet l-inkarigu tagħha u jistħoqqilha l-kumpens dovut. Apparti minn hekk, għal din il-Qorti, l-aċċettazzjoni tad-debitu u wkoll l-affermazzjoni li kien dovut ħlas magħmula permezz ta' messaġġ fuq *WhatsApp* għandha tingħata applikazzjoni għal dak li jrid l-artikolu 632(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[9]. L-istess jingħad għal-applikabilitá tal-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[10], magħdud f'dan il-każ, ma dak li jrid l-artikolu 694 tal-istess Kapitolu[11].

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) bl-imgħax legali mit-12 ta' Marzu 2023[12] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[9] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova.* F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Hili vs Avukat Ġenerali għar-Repubblika *et,*** (App Ċiv Nru: 214/205/1) mogħtija mill-qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn ġie mfakkar hekk: *"Il-prova li l-attur effettivament wettaq xoghol ta' supervisor jirrizulta mhux biss mix-xhieda li nstemghat, izda minn ittri li nhargu minn ufficjali li jahdmu fid-dipartiment tas-sahha. Il-veracita` ta' dawn l-ittri ma gietx kontestata, u la darba dawn l-ittri nhargu minn ufficjali tal-istess konvenuti (Assistent Direttur u Ufficjal inkarigat mis-salarji) lanqas hemm bzonn li jigu kkonfermati bil-gurament, ghax kull dokument mahrug minn konvenut li fiha juri li qed jaqbel mat-tezi tal-attur huwa ammissibbli mil-ligi (ara Artikolu 632(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili)."*

[10] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*

[11] Dan l-artikolu jgħid hekk: *L-ammissjoni magħmula barra mill-qorti ma tagħmilx prova ħlief kontra l-parti li tagħmilha.*

[12] Għalkemm ġiet mressqa l-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġietx imressqa prova tan-notifika tagħha. Madanakollu, id-data tat-12 ta' Marzu 2024 hija d-data meta s-soċjetà konvenuta ressqet nota fl-atti ta' dak l-ittra u allura hija prova ċara li minn dik id-data s-soċjetà konvenuta kienet ġiet interpellata għal-ħlas hawn mitlub. Nota relattiva tinsab a fol 21AA tal-proċess.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tal-ittra interpellatorja[13] tal-10 ta' Awwissu 2023, tal-ittra uffiċjali bin-numru 463/2024 u tal-mandat ta' sekwestru indikat fl-Avviż, jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[13] Din qiegħda tingħata valur ta' ħamsa u għoxrin Ewro (€25). Ara xhieda tal-10 ta' Lulju 2024.